*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe u F. Jimeno Fernández, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-33/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet talba intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/932/KE, tal-14 ta' Diċembru 2006, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċertu infiq magħmul mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima Garanzija, [notifikata bin-Nru C(2006) 5993] — Settur taż-żejt taż-żebbuġa, tal-qoton, tal-passolina u tal-frott taċ-ċitru.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundanata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 244, 10.10.2009.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' Jannar 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen — il-Belġju) — proċeduri kriminali kontra Aboulkacem Chihabi et**

**(Kawża C-432/10)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Inammissibbiltà manifesta)***

(2011/C 173/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen

**Partijiet fil-proċeduri kriminali tal-kawża prinċipali**

Aboulkacem Chihabi, Mustapha Chihabi, Trans Atlantic International, Dani Danieli, Roland Prosper Julia Jozef Peeters, Jacobus Robert Maria Wick, Shlomo Ben-David, David Ben-David, Yehuda Cohen, Johannes Josephus Maria van Aert, Mirella Cohen, Roland Prosper Julia Jozef Peeters, Brigitte Frieda Guido Briels, Monty Lambert Pieters, Jemmy Jozef Juliette Pieters, Peter Edouard Martha Kilian, Yehuda Cohen, Herman Jozef Albert Van Landeghem, Van Landeghem BVBA, Roland Prosper Julia Jozef Peeters, Herman Jozef Albert Van Landeghem, Van Landeghem BVBA, Brigitte Frieda Guido Briels, Monty Lambert Pieters, Jemmy Jozef Juliette Pieters, Mediterranean Shipping Company Belgium NV, Mirella Cohen, Roland Prosper Julia Jozef Peeters, Brigitte Frieda Guido Briels, Monty Lambert Pieters, Jemmy Jozef Juliette Pieters, Peter Edouard Martha Kilian, Yehuda Cohen, Yves Claude Robert Van De Merckt, CMA CGM Belgium NV, CMA CGM Logistics NV, Herman Jozef Albert Van Landeghem, Van Landeghem BVBA, Rudi François Albertine Avaert, Ronny Bruno Van Wesenbeeck, Wally Louis Alice De Vooght, Christian Gustave Alain Bekkers, Avraham Dror, Yehuda Cohen, Yehuda Cohen, Frank Jozef Hilda Decock, Rubi Danieli, Dani Danieli, Jean Marie Dom, Roland Prosper Julia Jozef Peeters, Peter Edouard Martha Kilian, Simeon Beniurishvili, Ludo Maria Jan Gijsen, Van Landeghem BVBA, Anex BVBA, Pasha Tech Ltd, Louis Simon Catherina De Vos, Aboulkacem Chihabi, Herman Jozef Albert Van Landeghem, Deba BVBA, Universal Shipping NV, DFDS Transport NV, ACR Logistics Belgium NV, Forwarding & Shipping Group NV, Mister-Trans BVBA, Firma De Vos NV, Yehuda Cohen, Avraham Dror, Aboulkacem Chihabi, Peter Edouard Martha Kilian, Louis Simon Catherina De Vos, Roland Prosper Julia Jozef Peeters, Jemmy Jozef Juliette Pieters, Yves Claude Robert Van De Merckt, Dani Danieli, Rubi Danieli, Dov Horny, Albert Tizov, Gocha Tizov, Herman Jozef Albert Van Landeghem, Christiaan Marcel Hélène Hendrickx

fil-preżenza ta': Geert Vandendriessche

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen — Interpretazzjoni tal-Artikoli 5, 38 sa 41, 43, tat-tieni inċiż tal-Artikolu 177, tal-Artikoli 202(1) u (3) u 221(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307) u tal-Artikolu 199(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3) — Irkupru *a posteriori* ta' dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni — Notifika lid-debitur — Tnissil ta' dejn doganali wara l-introduzzjoni illegali ta' merkanzija

**Dispożittiv**

*It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen, permezz tad-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2007, hija manifestament inammissibbli.*

([1]) ĠU C 301, 06.11.2010

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundespatentgericht (il-Ġermanja) fil-25 ta' Frar 2011 — Alfred Strigl vs Deutsches Patent- und Markenamt**

**(Kawża C-90/11)**

(2011/C 173/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundespatentgericht.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Alfred Strigl.

*Konvenut:* Deutsches Patent- und Markenamt.

**Domanda preliminari**

Ir-raġuni għal rifjut prevista fl-Artikolu 3(1)(b) u/jew (c) tad-Direttiva 2008/95/CE [1] għandha tapplika wkoll għal trade mark verbali komposta minn għaqda ta' kliem deskrittiv flimkien ma' sekwenza ta' ittri li ma hijiex deskrittiva fiha nfisha, meta din is-sekwenza, minħabba li tirriproduċi l-ewwel ittra ta' kull kelma tal-għaqda ta' kliem, tinftiehem mill-pubbliku bħala taqsira tal-għaqda ta' kliem, u li t-trade mark, ikkunsidrata flintier tagħha, tista' għalhekk tinftiehem bħala li hija għaqda ta' indikazzjonijiet jew ta' taqsiriet deskrittivi li jispjegaw reċiprokament lil xulxin?

(1) Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata)
ĠU L 299, p. 25.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundespatentgericht (il-Ġermanja) fil-25 ta' Frar 2011 — Securvita — Gesellschaft zur Entwicklung alternativer Versicherungskonzepte mbH vs Öko-Invest Verlagsgesellschaft mbH; parti oħra fil-kawża: Deutsches Patent- und Markenamt**

**(Kawża C-91/11)**

(2011/C 173/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundespatentgericht.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Securvita — Gesellschaft zur Entwicklung alternativer Versicherungskonzepte mbH.

*Konvenuta:* Öko-Invest Verlagsgesellschaft mbH.

*Parti oħra fil-kawża*: Deutsches Patent- und Markenamt.

**Domanda preliminari**

Ir-raġuni għal rifjut prevista fl-Artikolu 3(1)(b) u/jew (c) tad-Direttiva 2008/95/CE [1] għandha tapplika wkoll għal trade mark verbali komposta minn għaqda ta' kliem deskrittiv flimkien ma' sekwenza ta' ittri li ma hijiex deskrittiva fiha nfisha, meta din is-sekwenza, minħabba li tirriproduċi l-ewwel ittra ta' kull kelma tal-għaqda ta' kliem, tinftiehem mill-pubbliku bħala taqsira tal-għaqda ta' kliem, u li t-trade mark, ikkunsidrata flintier tagħha, tista' għalhekk tinftiehem bħala li hija għaqda ta' indikazzjonijiet jew ta' taqsiriet deskrittivi li jispjegaw reċiprokament lil xulxin?

(1) Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata)
ĠU L 299, p. 25.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fit-2 ta' Marzu 2011 — Ir-Repubblika tal-Ġermanja vs Z**

**(Kawża C-99/11)**

(2011/C 173/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Ġermanja

*Konvenut:* Z

*Partijiet oħra:* Der Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht; Der Bundesbeauftragte für Asylangelegenheiten beim Bundesamt für Migration und Flüchtlinge

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2004/83/KE [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li mhux kull interferenza għal-libertà tar-reliġjon li tikser l-Artikolu 9 tal-KEDB tikkostitwixxi neċessarjament att ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2004/83/KE, iżda li, ikun hemm ksur serju tal-libertà tar-reliġjon, bħala dritt fundamentali tal-bniedem, biss jekk dan jikkonċerna l-qalba ta' din il-libertà tar-reliġjon?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

(a) Il-qalba tal-libertà tar-reliġjon tinkludi biss id-dikjarazzjoni u l-espressjoni tat-twemmin fiż-żoni tad-dar u l-viċinanzi, jew jista' jkun hemm att ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2004/83/KE anki fil-każijiet fejn, fil-pajjiż tal-oriġini, l-espressjoni tat-twemmin fil-pubbliku tagħti lok għal perikolu għall-ħajja, għall-integrità tal-persuna jew għal-libertà fiżika u l-applikant jirrinunzja minn tali espressjoni għal dawn ir-raġunijiet?

(b) Fil-każ li l-qalba tal-libertà tar-reliġjon tista' wkoll tinkludi ċerti prattiki reliġjużi fil-pubbliku:

— huwa għalhekk suffiċjenti, sabiex ikun hemm ksur serju għal-libertà tar-reliġjon, li l-applikant jikkunsidra li tali espressjoni tat-twemmin tiegħu hija neċessarja għall-finijiet tal-identità reliġjuża tiegħu?

— jew huwa wkoll neċessarju li l-komunità reliġjuża li jassoċja ruħu magħha l-applikant tqis din l-espressjoni reliġjuża bħala element ċentrali tad-dottrina reliġjuża tagħha?

— jew huwa possibbli li jkun hemm restrizzjonijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċirkustanzi oħra, bħas-sitwazzjoni ġenerali tal-pajjiż tal-oriġini?